

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Każ COMP/M.7109 – Deutsche Telekom/GTS)
(Test b'relevanza għaż-ŻEE)
(2014/C 79/06)

1. Fil-11 ta' Marzu 2014, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' proposta ta' konċentrazzjoni skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha l-impriża Deutsche Telekom AG ("DT", l-Ġermanja) takkwista fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll sħiħ tal-impriża Consortium 1 Sàrl ("GTS", il-Lussemburgu) permezz ta' xiri ta' ishma. L-impriża Carduelis 2 BV u s-sussidjarja tagħha GTS Slovakia, s.r.o., bħalissa proprjetà tal-grupp GTS, mhijiex se tkun parti tat-tranżizzjoni.

2. L-attivitàjiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal DT: grupp tat-telekomunikazzjonijiet integrat attiv primarjament fl-Ewropa,

— għal GTS: fornitur ibbażat fuq l-infrastruttura tas-servizzi tat-telekomunikazzjonijiet u attiv fis-soluzzjonijiet magħmula apposta għat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni fir-Repubblika Ċeka, fl-Ungerija, fil-Polonja u fir-Rumanija.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal- dwar l-Għaqdiet. Madanakollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu kwalunkwe kumment li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.7109 – Deutsche Telekom/GTS, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament dwar l-Għaqdiet”).